



L-użu tal- emblema tal-UE

fil-kuntest
tal-programmi tal-UE

Linji gwida għall-benefiċjarji
u partijiet terzi oħra

Ottubru 2012

Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea għandha firxa ta' programmi li twaqqfu sabiex tappoġġja proġetti u inizjattivi f'oqsma varji madwar l-UE u lil hinn minnha. Sa mill-2012, dawn il-programmi se jneħħu gradwalment l-logos eżistenti tagħhom u mhu se jinħolqu l-ebda logos ġodda għall-programmi li jmiss.

L-ismijiet ta' dawn il-programmi, bħal Orizzont 2020, Erasmus għal Kulħadd, Nikkollegaw l-Ewropa, eċċ. għandhom jintużaw bħala brands verbali, jiġifieri r-referenzi għalihom se jsiru mingħajr marka jew logo viżwali regolat.

Is-servizzi tal-Kummissjoni ser japplikaw il-linji gwida tal-identità viżwali tal-Kummissjoni meta jikkomunikaw dwar il-programmi tal-UE.

Il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE għandhom jużaw l-emblema Ewropea fil-komunikazzjoni tagħhom biex jirrikonoxxu l-appoġġ miksub mill-programmi tal-UE.

Din il-gwida hija maħsuba biex il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE u partijiet terzi oħra li jikkomunikaw dwar programmi tal-UE jintwerew kif l-emblema tal-Unjoni Ewropea tista' tintuża flimkien ma' test biex jiġi enfasizzat il-fatt ta' finanzjament mill-UE.

I. Ir-regoli grafiċi

Ir-regoli għar-riproduzzjoni tal-emblema Ewropea jinsabu fil-Gwida dwar l-Istil Interistituzzjonali.

<http://publications.europa.eu/code/mt/mt-5000100.htm>

II. L-applikazzjoni ta' test għar-rikonoxximent tal-finanzjament mill-UE

Il-benefiċjarji spiss ikollhom obbligu preskritt b'regolament jew kuntratt biex pubblikament jirrikonoxxu s-sostenn irċevut mill-Unjoni Ewropea. Din it-taqsimha tagħti firxa mhux eżawrjenti ta' eżempji ta' kif it-test għandu jiġi użat flimkien mal-emblema tal-UE biex jikkomunika dwar il-finanzjament tal-UE.

L-għażla preferita biex issir komunikazzjoni dwar il-fondi mill-UE hija li jinkiteb "Iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea" jew "Ikkofinanzjati mill-Unjoni Ewropea" skont il-każ biswit l-emblema tal-UE fuq il-materjal ta' komunikazzjoni fejn tintuża l-emblema tal-UE. L-isem tal-programm tal-UE (*ara t-Taqsimha IV.*) għandu jintuża biss jekk huwa relevanti għall-udjenza fil-mira.

Regoli bażiċi

L-għoli minimu tal-emblema tal-UE għandu jkun ta' 1 cm.

L-isem tal-Unjoni Ewropea għandu dejjem jiġi miktub b'mod sħiħ.

Il-tipa użata flimkien mal-emblema tal-UE tista' tkun kwalunkwe minn fost dawn li ġejjin: Arial, Calibri, Garamond, Trebuchet, Tahoma, Verdana. Varjazzjonijiet bil-kursiv u sottolineati u l-użu ta' tipa bl-effetti mhumiex permessi.

Il-pożizzjoni tat-test b'relazzjoni mal-emblema tal-UE mhuwiex preskritt fi kwalunkwe mod partikolari, iżda t-test ma għandu bl-ebda mod jinterferixxi mal-emblema.

Id-daqs tat-tipa użata għandu jkun proporzjonat mad-daqs tal-emblema.

Il-kulur tat-tipa għandu ikun reflex blue (l-istess kulur kaħlani bħal tal-bandiera tal-UE), iswed jew abjad skont l-isfond.



Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea



Dan il-proġett huwa kkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea



Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Eżempji ta' applikazzjoni inkorretta

1. Test li jinterferixxi mal-emblema tal-UE



4. It-tipa mhix Arial, Calibri, Garamond, Trebuchet, Tahoma jew Verdana



Iffinanzjat mill-
Unjoni Ewropea

2. Id-daqs tat-test huwa sproporzjonalment akbar mill-emblema tal-UE



5. L-effetti huma użati fuq il-font



**Iffinanzjat mill-
Unjoni Ewropea**

3. It-test mhux iswed, abjad jew reflex blue



Iffinanzjat mill-
Unjoni Ewropea

6. Isem l-Unjoni Ewropea mhux imniżżel



Iffinanzjat mill-UE

III. L-użu tal-isem tal-programm tal-UE flimkien mal-emblemi tal-EU

L-isem tal-programm tal-UE jista' jidher mal-emblema tal-UE. Madankollu, l-ebda marka grafika (jiġifieri logo) ma għandha tkun maħluqa bl-użu tal-emblema tal-UE u l-isem tal-programm.

Din it-taqsimha tagħti firxa mhux eżawrjenti ta' eżempji ta' kif l-isem tal-programm tal-UE għandu jiġi użat flimkien mal-emblema tal-UE biex jiġi kkomunikat l-appoġġ riċevut taħt programm partikolari.

Regoli bażiċi

L-għoli minimu tal-emblema tal-UE għandu jkun ta' 1 ċm.

L-isem tal-Unjoni Ewropea għandu dejjem jintuża flimkien mal-isem tal-programm jew fond u għandu jinkiteb b'mod sħiħ.

Il-tipa użata flimkien mal-emblema tal-UE tista' tkun kwalunkwe minn fost dawn li ġejjin: Arial, Calibri, Garamond, Trebuchet, Tahoma, Verdana.

Varjazzjonijiet bil-kursiv u sottolineati u l-użu ta' tipa bl-effetti mhumiex permessi.

Il-pożizzjoni tat-test b'relazzjoni mal-emblema tal-UE mhuwiex preskritt fi kwalunkwe mod partikolari, iżda t-test ma għandu bl-ebda mod jinterferixxi mal-emblema.

Id-daqs tat-tipa użata għandu jkunu proporzjonat mad-daqs tal-emblema.

Il-kulur tat-tipa għandu ikun reflex blue (l-istess kulur kaħlani bħal tal-bandiera tal-UE), iswed jew abjad skont l-isfond.



Appoġġjat mill-
Programm MEDIA
tal-Unjoni Ewropea

Dan il-proġett huwa ffinanzjat
mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp
Reġjonali tal-Unjoni Ewropea



Bl-appoġġ tal-
Faċilità ta' Mikrofinanzjament għall-Progress
tal-Unjoni Ewropea



Ikkofinanzjat mill-Programm Kwadru tal-Unjoni
Ewropea Orizzont 2020




Iffinanzjat mill-
Programm Nikkollegaw I-Ewropa
tal-Unjoni Ewropea

Eżempji ta' applikazzjoni inkorretta


1. Test li jinterferixxi mal-emblema tal-UE



2. Id-daqs tat-test huwa sproporzjonalment akbar mill-emblema tal-UE



3. It-test mhux iswed, abjad jew reflex blue



4. It-tipa mhix Arial, Calibri, Garamond, Trebuchet, Tahoma jew Verdana



5. L-effetti huma użati fuq il-font



6. Isem l-Unjoni Ewropea mhux imniżżel



IV. Il-promozzjoni ta' programm tal-UE minn partijiet terzi

Il-promoturi ta' programmi u fondi tal-UE għandhom jirreferu l-isem tal-programm fil-komunikazzjoni tagħhom mingħajr l-użu ta' marka viżwali (logo).

Jekk l-użu ta' marka grafika huwa meqjus neċessarju (eż. għal tabelli fuq bini), l-emblema tal-UE għandha tintuża flimkien mal-isem tal-programm. Il-pożizzjoni tat-test b'relazzjoni mal-emblema tal-UE u l-użu tat-tipa mhumiex preskritti.

Ir-regoli li għandhom jiġu osservati huma dawn li ġejjin:

- It-tipa rakkomandata li għandha tintuża hija Arial, Calibri, Garamond, Trebuchet, Tahoma u Verdana. Varjazzjonijiet bil-kursiv u sottolineati u l-użu ta' tipa bl-effetti mhumiex permessi.
- It-test m'għandu bl-ebda mod jinterferixxi mal-emblema tal-UE.
- Id-daqs tat-test u d-daqs tal-emblema tal-UE għandhom ikunu proporzjonati.

L-emblema tal-UE tista' tidher fuq il-materjal ta' komunikazzjoni prodott mill-promoturi tal-programmi tal-UE. It-tqegħid tal-emblema tal-UE m'għandhux jagħti l-impressjoni li promotur parti terza huwa parti mill-istituzzjonijiet tal-UE. Għalhekk huwa rakkomandat li l-emblema tal-UE titqiegħed lil hinn sew mill-logo tal-organizzazzjoni parti terza.



Il-Programm ta'
Tagħlim Tul il-Ħajja

Il-Programm
Enerġija Sostenibbli



Il-Programm
LIFE



Erasmus Mundus Programm
tal-Unjoni Ewropea

V. Ftehim amministrattiv mal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-użu tal-Emblema Ewropea minn partijiet terzi

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea - 2012/C 271/04)

Il-prinċipju ġenerali

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika (“utent”) tista’ tuża l-emblema Ewropea jew kwalunkwe element tagħha, skont dawn il-kundizzjonijiet tal-użu.

Il-kundizzjonijiet tal-użu

L-użu tal-Emblema Ewropea u/jew kwalunkwe element tagħha huwa permess, irrispettivament jekk l-użu huwiex mingħajr skop ta’ qligħ jew ta’ natura kummerċjali, sakemm:

- l-użu joħloq l-impressjoni jew l-ipoteżi żbaljata li hemm konnessjoni bejn l-utent u kwalunkwe istituzzjoni, entità, uffiċċju, aġenzija u organu tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kunsill tal-Ewropa;
- l-użu jwassal lill-pubbliku li b’mod żbaljat jaħseb li l-utent igawdi mill-appoġġ, l-isponsorizzazzjoni, l-approvazzjoni jew il-kunsens ta’ kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju, aġenzija u organu tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kunsill tal-Ewropa;
- l-użu għandu x’jaqsam ma’ kwalunkwe objettiv jew attività li ma jkunux kompatibbli mal-għanijiet u l-prinċipji tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kunsill tal-Ewropa, jew li inkella ma jkunux skont il-liġi.

Il-marka kummerċjali u kwistjonijiet relatati

L-użu tal-Emblema Ewropea skont il-kundizzjonijiet tat-taqsimha preċedenti ma jfissirx il-kunsens għar-reġistrazzjoni tal-emblema jew l-imitazzjoni tagħha bħala marka kummerċjali, jew kwalunkwe dritt tal-PI ieħor. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa se jkomplu bil-monitoraġġ tal-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni tal-Emblema Ewropea jew parti minnha bħala (parti minn) dritt tal-PI, skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

Ir-responsabbiltà legali

Kull utent li għandu l-ħsieb li juża l-Emblema Ewropea jew elementi minnha jrid jerfa’ r-responsabbiltà legali. L-utenti se jkunu responsabbli għal kull użu abbużiv u għall-preġudizzju li possibilment jistgħu jiġu minn tali użu skont il-liġijiet tal-Istati Membri jew ta’ kwalunkwe pajjiż terz li japplikaw għalihom.

Id-dritt li jkun segwit kwalunkwe abbuż

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li ssegwi fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba mill-Kunsill tal-Ewropa:

- kwalunkwe użu li ma jkunx konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti hawnhekk; jew
- kwalunkwe użu li l-Kummissjoni jew il-Kunsill tal-Ewropa jqisu abbużiv fil-qrati tal-Istati Membri jew kwalunkwe pajjiż terz.

VI. Kuntatt

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar l-użu tal-emblema tal-UE fil-kuntest tal-programmi tal-UE, jekk jogħġbok ikteb lil comm-visual-identity@ec.europa.eu